# PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 6: Ngħixu bħal Ġesu**

**Lezzjoni 3: Ġesu bata wkoll**

**Għanijiet:**

1. Jisimgħu l-istorja tal-passjoni ta' Ġesu'

2. Jifhmu li Ġesu' miet għalina biex isalvana mid-dnub.

3. Jifhmu li Ġesu' għadu jaħfrilna kull darba li nagħmlu d-dnub. Għalhekk tajjeb li nersqu lejn is-sagrament tal-qrar.



**Riżorsi għal-lezzjoni:**



- PowerPoint Il-passjoni u l-mewt ta' Ġesu'
- Logħba fuq l-interactive whiteboard (Poġġi l-istampi wara xulxin).
- Karta ta' Taħriġ 6.3
- Kanzunetta *Jesus loves me*
- Handout bil-lirika tal-kanzunetta *Jesus loves me*

**Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu**

- Uri l-powerpoint Il-passjoni ta' Ġesu' lit-tfal.
- Spjega lit-tfal li Ġesu' miet għalina lkoll biex isalvana mid-dnub. Dan għandu jimlina b'tama u kuraġġ biex ma naqtgħu qalbna qatt.
- Għid lit-tfal li Ġesu' kien lest li jaħfer lil dawk li qatluh.

  Lilna wkoll ikun lest li jaħfrilna kull darba li nagħmlu d-dnub. Għalhekk importanti li nersqu lejn is-sagrament tal-qrar.

  Ġesu' jaħfrilna u jgħinna nibqgħu mexjin biex nagħmlu dak li Hu jixtieq minna.



**Nisimgħu flimkien (actual lesson)**

- Uri l-istampi tal-passjoni ta' Ġesu' mgerfxin fuq l-interactive white board.
- Aqra s-sentenza ta' kull stampa.
- Għid lit-tfal joħorġu minn posthom u jpoġġu l-istampi bis-sentenzi wara xulxin, skont kif seħħet il-ġrajja tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesu'.

- Qabbad lit-tfal biex  jaqraw is-sentenzi wara xulxin mill-interactive whiteboard.
- Erġa' gerfex l-istampi tal-interactive white board u għid lit-tfal li din id-darba ser jara l-istorja mgerfxa fuq il-Ktieb tal-Attivitajiet 6.3.
- Stiedem lit-tfal isibu 6.3 mill-Ktieb tal-Attivitajiet u flimkien b' diskussjoni jaħdmu din l-Attivita billi jpoġġu n-numri kif jiġu wara xulxin..
- Iddiskuti l-Attivita Sam u Tara u oħloq diskussjoni dwar l-importanza tal-ġranet tal-Ġimgħa Mqad
sehem f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet.
- Spiċċa bil-kanzunetta ; Jesus loves me



**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**



- Fl-Aħħar Ċena Ġesu' bidel il-ħobż u l-inbid fil-ġisem u d-demm tiegħu. Hekk Ġesu' ried jibqa' magħna u jkun l-ikel ta' ruħna.
- Ġesu' miet għalina biex jerġa' jagħmilna ħbieb ma' Alla u jsalvana mill-mewt ta' dejjem.
- Meta miet għalina fuq is-salib, Ġesu' tana l-akbar prova ta' kemm iħobbna.

**Nagħżlu flimkien (Attitude)**

- Għandi nagħżel li nagħmel dak li jixtieq minni Ġesu'.
- Meta nagħmel xi ħaġa li ma togħġobx lil Ġesu', tajjeb li nqerr ħalli jinħafruli d-dnubiet.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

- Għid lit-tfal li se nkantaw il-kanzunetta *Jesus loves me* li titkellem dwar l-imħabba kbira li Ġesu' għandu għalina.
- Qassam il-handout bil-kliem tal-kanzunetta u spjega l-lirika.
- Iftaħ il-file bil-kanzunetta *Jesus loves me* u kantawha flimkien.



**Nitolbu**

Fl-aħħar tal-lezzjoni, it-tfal jgħaqqdu idejhom flimkien u jgħidu:

**Grazzi Ġesu' talli tajt ħajtek għalina. Għinna biex bħal ma ħfirt lil dawk li qatluk, aħna wkoll inkunu lesti li naħfru lil ħaddieħor.**

